BIRKIRKARA

# KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Lil Membri u l-Ufficjali kollha tal-Kunsill

## Laqgha tal-Kunsill

Ninfurmakom illi tkomplija tas-Seba' laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Birkirkara li ghanda issir ghada l-5 ta' Novembru 2009 qed tigi posposta, ghan-nhar it-Tlieta 10 ta' Novembru 2009, fis-6:00pm. Dan minhabba li s-Segretarju Ezekuttiv jinsab ma jiflahx.

Michael Fenech Adami
Sindku

Lil Kunsilliera Kollha

Kif unanimament gie miftiehem nhar it-Tlieta 27 ta' Ottubru 2009 il-laqgha tal-Kunsill numru 7 ser titkompla nhar il-Hamis 5 ta' Novembru 2009 fis-6.00pm.

Nirringrazzjakom

Joseph Tabone
SE

x Postposta għal - 10/4/2009.

# KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

It-Tieni Sular, Ċentru Ċiviku Birkirkara, Triq Tumas Fenech, Birkirkara BKR 2527, Malta.
Tel: (00356) 2144 2626 • Fax: (00356) 2144 2644
e-mail: birkirkara.lc@gov.mt • www.birkirkaraonline.com


22 ta' Ottubru 2009

Lill-Kunsilliera Kollha

Anness qed nibghatilkom kopja ta' tlett mozzjonijiet li l-Kunsill ircieva nhar l-Erbgha 21 ta' Ottubru 2009, liema mozzjonijiet huma ffirmati mill-Kunsilliera s-sinjura Joanne Borg u Anthony Buttigieg rispettivament . It-tlett mozzjonijiet ser jitressqu quddiem il-Kunsill fil-laqgha ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Ottubru 2009.

Nirringrazzjakom

Joseph Tabone
Segretarju Ezekuttiv

BIRKIRKARA

**KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA**

Lil Membri u l-Ufficjali kollha tal-Kunsill

**Laqgha tal-Kunsill**

Qieghed tigi msejjah biex tattendi ghas-Seba' laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Birkirkara fl-ufficcji taghhom, li ser issir nhar it-Tlieta, 27 ta' Ottubru 2009, fis-6:00pm

Joseph Tabone
Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill

**Agenda**

1 **Talba**
2 **Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgha numru 6 ***
3 **Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti tal-laqgha numru 6**
4 ***Management Letter***
5 **Kuntratt mad-Dipartiment tas-Sahha (re. Centru Civiku)****
6 **Approvazzjoni tal-Lista tax-Xiri u Pagamenti numru 6 *****
7 **Diskussjoni w aggudikazzjoni ta' l-Offerti:**

Offerta nru. BLC 7/2009: Servizzi ta' Perit
Offerta nru. BLC 8/2009: Servizzi ta' *Project/Contract Manager*
Offerta nru. BLC 9/2009: Servizzi ta' *Quantity Surveying*
Offerta nru. BLC 10/2009: Servizzi ta' *Youth Empowerment Worker*
Offerta nru. BLC 12/2009: Forniment u Installazzjoni ta' apparat ta' *playground* u wicc protettiv
Offerta nru. BLC 13/2009: Polza tas-Sigurta
Offerta nru. BLC 14/2009: Servizzi ta' *Accountant* Kwalifikat
Offerta nru. BLC 15 /2009: Servizzi ta' Avukat
Offerta nru. BLC 16 /2009: Servizzi ta' *Handyman*
Offerta nru. BLC 17 /2009: Forniment u Trasport ta' *lamp posts*

8 **Korrispondenza ***
9 **Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**
10 **Komunikazzjoni mis-Sindku**
11 **Eghluq**

**DIN IL-LAQGHA HI MIFTUHA GHALL-PUBBLIKU**

.* Kopja tal-Minuti u l-Korrispondenza intbghatet lilkom ilbierah 8 ta' Ottubru 2009
** Kopja tal-Kuntratt jintbghat lilkom hekk kif jintbghat lilna mill-imsemmi Dipartiment
*** Il-Lista tax-Xiri u Pagamenti qed tintbghat lilkom ma din l-aganda

# KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

It-Tieni Sular, Ċentru Ċiviku Birkirkara, Triq Tumas Fenech, Birkirkara BKR 2527, Malta.
Tel: (00356) 2144 2626 • Fax: (00356) 2144 2644
e-mail: birkirkara.lc@gov.mt • www.birkirkaraonline.com


9 ta' Ottubru 2009

Lill-Kunsilliera kollha

Qed nigi nkarigat mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami biex ninfurmakom li l-laqgha tal-Kunsill li ghandha issir nhar it-Tlieta 13 ta' Ottubru 2009 ser tigi posposta ghan-nhar it-Tlieta, 27 ta' Ottubru 2009 fis-6.00pm.

Ghaldaqstant qeghda tintbghat l-agenda emendata. Dan minhabba li f'din il-laqgha ser issir ukoll diskussjoni u l-aggudikazzjoni tat-*tenders* il-godda.

Nirringrazzjakom

Joseph Tabone
Segretarju ezekuttiv

(1)

BIRKIRKARA

# KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Lil Membri u l-Ufficjali kollha tal-Kunsill

## Laqgha tal-Kunsill

Qieghed tigi msejjah biex tattendi ghas-Seba' laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Birkirkara fl-ufficcji taghhom, li ser issir nhar it-Tlieta, 13 ta' Ottubru 2009, fis-6:00pm

Joseph Tabone
Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill

## Agenda

1 **Talba**
2 **Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgha numru 6**
3 **Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti tal-laqgha numru 6**
4 ***Management Letter***
5 **Kuntratt mad-Dipartiment tas-Sahha (re. Centru Civiku) ***
6 **Approvazzjoni tal-Lista tax-Xiri u Pagamenti numru 6 ****
7 **Korrispondenza**
8 **Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**
9 **Komunikazzjoni mis-Sindku**
10 **Eghluq**

**DIN IL-LAQGHA HI MIFTUHA GHALL-PUBBLIKU**

.NB * Kopja tal-kuntratt jintbghat lilkom hekk kif jintbghat lilna mill-imsemmi Dipartiment

** Il-Lista tax-Xiri u Pagament tintbghat lilkom kif tidhol l-iskrivana mis-*Sick leave*

BIRKIRKARA

Minuti tas-Seba' laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Birkirkara li saret fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 27 ta' Ottubru 2009 mis-6.05pm sad- 8.57pm. u tkompliet nhar it-Tlieta,10 ta' Novembru 2009 mis-6.00pm sat-8.24pm. Din il-laqgha kellha issir nhar it-Tlieta 13 ta' Ottubru 2009 imma kienet giet posposta ghan-nhar it-Tlieta 27 ta' Ottubru 2009 u dan biex f'din id-data issir ukoll diskussjoni u l-aggudikazzjoni tat-tenders.

| | |
|---|---|
| **Prezenti:** | Il-Membri |
| **Is-Sindku** | Is-Sur Michael Fenech Adami |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sinjura Doris Borg (Vici-Sindku) |
| | Is-Sur Emanuel Aquilina |
| | Is-Sur Mark George Abdilla |
| | Dr. Josianne Cardona Gatt |
| | Is-Sinjura Joanne Borg |
| | Is-Sur John Borg |
| | Is-Sinjura Rita Borg |
| | Dr George Debattista |
| | Is-Sur John Mary Calleja |
| | Is-Sur Anthony Buttigieg |
| | Is-Sinjorina Rose Frendo |
| | Is-Sinjorina Chirelle Sciberras |
| **L-Ufficjal:** | |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Joseph Tabone |

Fil-bidu tal-laqgha kienu prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, Emanuel Aquilina, Mark George Abdilla, John Borg, Rita Borg, Dr. George Debattista, John Mary Calleja, Anthony Buttigieg, Dr Josianne Cardona Gatt u Rose Frendo, u Chirelle Sciberras. Il-Kunsilliera Joanne Borg dahlet 6:15pm. Ghal din il-laqgha ma kienx hemm il-prezenza tal-pubbliku. Il-laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami.

## 1. Talba.

Il-laqgha bdiet billi s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal it-talba.

## 2 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgha bin-numru 6

Il-Minuti tas-Sitt laqgha kienu tqassmu ma' l-agenda u ttieħdu bħala moqrija. Huma gew approvati, bi tnax-il voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li l-Kunsillier Dr. George Debattista talab korrezzjoni *f'item 6.4.* Il-minuti tas-Sitt laqgha tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami li kien sekondat mill-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg. Dawk li vvutaw favur kienu:- is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, il-Kunsillieri s-Sinjuri: Emmanuel Aquilina, Mark George Abdilla, Dr. Josianne Cardona Gatt, Rita Borg, John Borg, Anthony Buttigieg, John Mary Calleja, Dr.George Debattista, Rose Frendo, u Chirelle Sciberras.

BIRKIRKARA

## 3 Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw minn minuti numru 6

3.1 Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg acceniet *ghal item* 6.2 Hi staqsiet lis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami jekk il-Kunsill kienx ircieva risposta. Is-Sindku wiegeb fin-negattiv.

3.2 Il-Kunsillier Dr. George Debattista staqsa lis-Sindku meta kien ser jitkompla ix-xoghol fi Triq Vittorio Cassar u fi Triq/ Sqaq l-Imriehel. Is-Sindku qal li l-Kunsill qed jaghmel il-pressjoni kollha mehtiega fuq il-kuntrattur biex jitkompla x-xoghol, kif ukoll biex il-kuntrattur jirranga xi affarijiet li ndikalu l-Kunsill. Is-Sindku qal li sadanittant il-Kunsill impona multa fuq il-kuntrattur.

3.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Chirelle Sciberras acceniet ghall-*item 6.7.* Is-sindku wiegeb illi l-*Customer Care* tal-Kunsill kien ghadda l-ilment lill-Pulizija.

3.4 Il-Kunsillier is-Sur Jimmy Calleja accena ghal *item 6.11.* Hu ringrazzja lil amministrazzjoni talli t-tabella kienet tnehhiet mill-ewwel.

3.5 Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg acceniet ghal *item 7.1.* Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ghadu ma rceviex kopja tad-*draft agreement.*

Hawnhekk dahlet fil-kamra il-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg. Il-hin kien is-6.20pm

## 4 Management Letter

Qabel bdiet id-diskussjoni fuq din l-*item* is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghamel riferenza ghall-artiklu li kien deher fuq il-gurnal il-Kullhadd nhar il-25 ta' Ottubru 2009 fejn dan il-gurnal ikkwota partijiet mill-*management letter.* Is-Sindku qal illi l-Kunsill kiteb ufficjalment lill-awditur is-Sur John Zammit biex l-awditur jirraporta lill-Awditur Generali halli jittiehed passi mehtiega kontra l-gurnal Il-Kullhadd. Dan minhabba li fil-*management letter* hemm frazi li tghid :-' *...this report, in part or in full, may not be distributed used or quoted except for the scope it is prepared, without our prior written consent'*

Wara, ghall-habta tas-6.22pm is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami stieden lill-*accountant* tal-Kunsill, is-Sur Christian Vella biex jispjega l-*management letter* u r-risposta ghaliha. Kopja tal-*management letter* kif ukoll ir-risposta ghaliha kienu tqassmu lill-membri prezenti ma' l-agenda. Waqt l-ispjega saru diversi mistoqsijiet mill-membri prezenti li ghalihom wiegeb fid-dettal l-*accountant* is-Sur Christian. Vella. Il-mistoqsijiet kienu jikkoncernaw il-punti li semma l-awditur fl-ittra tieghu filwaqt li l-ispjega ghall-mistoqsijiet saret billi saret riferenza ghall-ittra ta' risposta min-naha tas-Sindku u Segretarju Ezekuttiv. Mistoqsijiet ohra kienu jikkoncernaw is-sitwazzjoni kif giet irrapurtata fil-laqgha tas-16 ta' Gunju 2009 vis-a-vis dik prezenti. Dr George Debattista waqt id-diskussjoni esiga illi l-Kunsill ghandu jindirizza il-problema tad-*defecit* mill-akatr fis possibbli. Hu ghamel riferenza wkoll ghal-laqgha posittiva li hu kellu ma' l-*accountant* u Segretarju Ezekuttiv dwar l-istess *management letter.* Waqt l-ispjega l-*accountant* gibed ukoll l-attenzjoni :-

1. Illi d-*defecit* sa' l-ahhar ta' Gunju 2009 kien tjieb fuq l-ahhar ta' Marzu 2009.

2. Illi jezisti nuqqas ta' qbil bejn il-Kunsill u l-kuntrattur Polidano Ltd dwar diversi kontijiet dan li l-kontijiet inkwistjoni kienu gew ivverifikati u ccekjati mill-*Quantity Surveyor* tal-Kunsill.

3. Ghall-flus li l-Kunsill baqghalu jhallas fuq ir-restawr ta' l-akkwedott u li dwarhom hemm ftehim verbali biex dawn jigu maqtugha kontra ilma li d-Dipartiment se juza' mill-gwiebi kollha f'Birkirkara fosthom

dak rinovat ricentament fi Triq Bwieraq. *L-accountant* qal li hu kien gie mitlub mill-awditur biex din is-somma tigi riversjata minhabba li ma kien hemm xejn bil-kitba. Infatti l-*accountant* qal li din is-somma tista' tigi irriversjata' jekk il-Kunsill japprova.

4 Ghall-flus li l-Kunsill mistenni jiehu skond il-ftehim li sar bejn Ta' Monita u l-Kunsill. Is-Sindku rega' fakkar li fuq dan il-progett il-Kunsill ghadu qed jistenna decisjoni parlamentari kif ukoll il-permessi mill-MEPA.

5 Ghall-progetti kapitali godda li l-Kunsill behsiebu jaghmel fil-futur, il-Kunsill ghandu jkun kawt fl-infieq tieghu u dan sakemm ma jingibux fondi ghalihom bhalma qed isir fil-present. Billi jingiebu fondi mill-UIF u f'kazi ohra mill-*housing*. Issemma' ukoll il-hsieb li l-Kunsill japplika wkoll ghal fondi specjali.

6 Ghas-somma dovuta mill-LES (€ 370,338) liema somma ma gietx rikonoxxuta mill-awditur. L-*accountant* qal illi hu lest li jirriversja din il-figura dejjem jekk ikun hemm l-pprovazzjoni tal-Kunsill. Hu qal li din is-somma ma gietx irriversjata. Dan ghaliex is-Sindku insista li il-Kumitat Kongunt ser jigi xolt fi zmien qarib. Hawnhekk sar suggeriment mill-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg jekk ghandniex nikkonsidraw li nnizlu biss dak li hu dovut lilna f'dawn l-ahhar sentejn.

Waqt l-ispjega s-Sindku bil-permess tal-membri kollha prezenti s-Sindku ghamel riferenza ghall-mozzjoni bin-numru 34 liema mozzjoni kienet wahda minn tlett mozzjonijiet imressqa mill-Kunsillera s-Sinjuri Joanne Borg u Anthony Buttigieg f'isem il-Kunsilliera l-ohra tal-Partit Laburista Hawnhekk is-Sindku talab lill-Kunsilliera Joanne Borg biex taqra u tispjega l-mozzjoni. Wara li sar hekk, saret diskussjoni qasira fejn kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill ghandu jikteb lill-awditur is-Sur John Zammit fejn jitolbuh biex jiltaqghu mieghu biex jigu kjarifikati l-punti li ssemmew fil-*management letter*. Il-Kunsilliera talbu wkoll li ghal din il-laqgha jkun hawn prezenti l-*asccountant* is-Sur Christian Vella u dan biex jigu ccarati l-punti mqajjma fid-dokumenti msemmija.

Wara li spiccat id-diskussjoni, unanimament il-membri kollha prezenti awtorizzaw lis-Sindku u lis-Segretarju Ezekuttiv biex jibghatu l-ittra ta' risposta ghall-*management letter.*

Ghall-habta tas-7.12pm is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami rringrazzja lill-*accountant* tal-Kunsill ta' l-ispjega tieghu. Is-Sur Vella halla l-kamra ghall-habta 7.15pm

**Hawnhekk il-Kunsillier Dr. George Debattista talab li jigi skuzat. Hu halla l-kamra ghall-habta tas-7.15pm**

## 5 Kuntratt mad-Dipartiment tas-Sahha

Peress li l-Kunsill kien ghadu ma rceviex kopja tad-*draft agreement* minghand id-Dipartiment tas-Sahha, kien hemm qbil unanimu li dan is-suggett jigi diskuss meta nircevuh.

## 6 Approvazzjoni tal-lista tax-Xiri u pagamenti numru 6

Il-lista tax-xiri u l-pagamenti numru 6 kienet tqassmet lill-kunsilliera kollha ma' l-agenda u ttiehdet bhala moqrija. Is-Sindku nforma lill-membri prezenti illi *item* 34 ghandha tigi maqtugha. Saret diskussjoni fejn l-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg acceniet ghal *item* 24. Hi suggerit li l-Kunsill ghandu jikkonsidra li jitnaqqsu l-hinijiet tas-*Security* ta' Gnien l-Istazzjon. Dan billi wara li jinghalaq ir-rixtellu, l-ufficjal tas-sigurta m'ghandux jibqa hemm. **Hi ilha isostni li l-hlassijiet tas Security qed ikunu ta' biss ghall-Kunsill.** Hawnhekk is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami filwaqt li qabel mal-punt issuggerit mill-Vici Sindku ppropona li dwar dan kien ser jiltaqa' mad-direttur tal-kumpanija li qeghda

BIRKIRKARA

taghtina dan is-servizz skond il-kuntratt li ghandu mal-Kunsill. Fuq dan kien hemm qbil unanimu. Wara l-lista tax-xiri u pagamenti bin-numru 6 ġiet approvata bi tnax-il vot favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami li kien sekondat mill-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg. Dawk li vvutaw Dawk li vvutaw favur kienu:- is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, il-Kunsillieri s-Sinjuri: Emanuel Aquilina, Mark George Abdilla, Joanne Borg, Rita Borg, John Borg, Anthony Buttigieg, John Mary Calleja, Dr. Josianne Cardona Gatt, Rose Frendo u Chirelle Sciberras.

7 **Diskussjoni u Aggudikazzjoni ta l-Offerti:-**

| | |
|---|---|
| Offerta nru. BLC 07/2009: | Servizzi ta' Perit |
| Offerta nru. BLC 08/2009: | Servizzi ta' *Project/Contract Manager* |
| Offerta nru. BLC 09/2009: | Servizzi ta' *Quantity Surveying* |
| Offerta nru. BLC 10/2009: | Servizzi ta' *Youth Empowerment Worker* |
| Offerta nru. BLC 12/2009: | Forniment u Installazzjoni ta' apparat ta' *playground* u wicc protettiv |
| Offerta nru. BLC 13/2009: | Polza tas-Sigurta' |
| Offerta nru. BLC 14/2009: | Servizzi ta' *Accountant* Kwalifikat |
| Offerta nru. BLC 15 /2009: | Servizzi ta' Avukat |
| Offerta nru. BLC 16 /2009: | Servizzi ta' *Handyman* |
| Offerta nru. BLC 17 /2009: | Forniment u Trasport ta' *lamp posts* |

Ghall-habta tas-7.25pm is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami stieden lis-Sur Ray Pellicano, li huwa l-konsulent tal-Kunsill dwar it-*tenders*, biex jaghti spjega fuq l-offerti kollha li kienu gew sottomessi, u fl-istess hin jaghmel riferenza ghar-rakkomandazzjonjiet li kienu saru mill-Kumitat tal-Finanzi fuq l-istess offerti. Is-Sur Ray Pellicano spjeaga dan li gej:-

**<u>Dwar BLC 7/2009 – Servizzi ta' Perit</u>**

Numru totali ta' Offerti mitfugha kienu 2 (tnejn). Dawn kienu jappartjenu lil:-

1 Bencini & Associates
2 Joe Bugeja

Saret diskussjoni qasira fejn fost l-ohrajn saret riferenza ghall-email li baghat il-Perit Kevin Bencini, fejn fost l-ohrajn hu ghamel riferenza ghal A.L.nru. 7 ta' l-1968 'CODE *OF ORGANIZATION AND CIVIL PREDURES (CAP. 15*) b'mod partikolari ghat- *TARRIF K.* Is-Sur Pellicano qal li dwar din l-offerta il-Kumitat tal-Finanzi kien qed jissuggerixxi li din l-offerta ghandha tinghata lill-Perit Joe Bugeja.

Hawnhekk is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami b'mozzjoni verbali rrakkomanda lill-membri kollha prezenti illi l-offerta dwar Servizzi ta' Perit ghandha tinghata lil Perit Joe Bugeja minhabba li kienet l-aktar offerta vantagjuza ghall-Kunsill. Is-Sindku kien sekondat mill-Kunsillier is-Sur John Borg.

Il-mozzjoni tas-Sindku giet accettata unanimament bi tnax-il vot favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg u l-Kunsilliera s-Sinjuri: Emanuel Aquilina, Mark George Abdilla, Joanne Borg, Rita Borg, John Borg, Anthony Buttigieg, Dr Josianne Cardona Gatt, John Mary Calleja, Rose Frendo, u Chirelle Sciberras.

**<u>Dwar BLC 8/2009 – Servizzi ta' Project/Contract Manager</u>**

Numru totali ta' Offerti mitfugha kienu 2 (tnejn). Dawn kienu jappartjenu lil:-

1 Joe Bugeja
2 Urban Homes Real Estate Limited

Saret diskussjoni qasira fejn kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill ghandu jikteb lill-Urban Home Improvements fejn nitolbu CV u aktar taghrif dwar is-servizzi li huma joffru. Ghaldaqstant f'dan l-istadju ma ttiehdet 'l ebda decizjoni ohra dwar din l-offerta.

**Dwar BLC 9/2009 – Servizzi ta' Quantity Surveying**

Hawnhekk is-Sur Ray Pellicano talab li jigi skuzat minhabba li l-offerta li kien imiss li tigi diskussa kienet tirrigwardja l-kumpanija tieghu. Wara li gie skuzat mill-membri kollha prezenti, l-ispjega tkomplit mis-Sindku is-Sur Michael Fenech Adami.

Numru totali ta' Offerti mitfugha kienu 1 (wahda). Din kienet tappartjeni lil:-

1 RPA Consultants Ltd

Saret diskussjoni qasira fejn is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li dwar din l-offerta il-Kumitat tal-Finanzi kien qed jissuggerixxi li din l-offerta ghandha tinghata lill-RPA Consultants Ltd minhabba li kienet l-uniku kumpanija li tefghet l-offerta, kif ukoll minhabba li l-prezz kwotat kien vantagjuz ghall-Kunsill.

Hawnhekk is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami b'mozzjoni verbali rrakkomanda lill-membri kollha prezenti illi l-offerta dwar Servizzi ta' *Quantity Surveying* ghandha tinghata lil RPA Consultants Ltd minhabba li kienet l-uniku kumpanija li tefghet l-offerta, kif ukoll minhabba li l-prezz kwotat kien vantagjuz ghall-Kunsill. Is-Sindku kien sekondat mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg.

Il-mozzjoni tas-Sindku giet accettata unanimament bi tnax-il vot favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dawk li ivvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg u l-Kunsilliera s-Sinjuri: Emanuel Aquilina, Mark George Abdilla, Joanne Borg, Rita Borg, John Borg, Anthony Buttigieg, Dr Josianne Cardona Gatt, John Mary Calleja, Rose Frendo, u Chirelle Sciberras.

Hawnhekk rega' dahal fil-kamra s-Sur Ray Pellicano.

**Dwar BLC 10/2009 – Servizzi ta' Youth Empowerment Worker**

Numru totali ta' Offerti mitfugha kienu 1 (wahda). Din kienet tappartjeni lil:-

1 Is-Sur Charles u s-Sinjura Pauline Grech.

Saret diskussjoni qasira fejn is-Sur Ray Pellicano qal li dwar din l-offerta il-Kumitat tal-Finanzi kien qed jissuggerixxi li din l-offerta ghandha tinghata lis-Sur Charles u s-Sinjura Pauline Grech minhabba li kienet l-uniku offerta li ntefghet, kif ukoll minhabba li l-prezz kwotat kien vantagjuz ghall-Kunsill.

Hawnhekk is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami b'mozzjoni verbali rrakkomanda lill-membri kollha prezenti illi l-

BIRKIRKARA

offerta dwar Servizzi ta' *Youth Empowerment Worker* tinghata lis-Sur Charles u s-Sinjura Pauline Grech minhabba li kienet l-uniku kumpanija li tefghet l-offerta, kif ukoll minhabba li l-prezz kwotat kien vantagjuz ghall-Kunsill. Is-Sindku kien sekondat mill-Kunsillier is-Sur Mark G. Abdilla.

Il-mozzjoni tas-Sindku giet accettata unanimament bi tnax-il vot favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dawk li ivvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg u l-Kunsilliera s-Sinjuri: Emanuel Aquilina, Mark George Abdilla, Joanne Borg, Rita Borg, John Borg, Anthony Buttigieg, Dr Josianne Cardona Gatt, John Mary Calleja, Rose Frendo, u Chirelle Sciberras.

**Dwar BLC 12/2009 – Forniment u Installazzjoni ta' Apparat ta' Playground u Wicc Protettiv**

Kien hemm qbil unanimu li diskussjoni tithalla ghal darb'ohra.

**Dwar BLC 13/2009 – Polza tas-Sigurta**

Qabel bidet id-diskussjoni fuq din l-offerta l-Kunsilliera s-Sinjorina Rose Frendo nformat lill-membri prezenti biex hi tigi skuzata milli hi tiehu sehem fid-diskussjoni u fl-aggudikazzjoni ta' l-offerta msemmija. Dan minhabba li hi ddikjarat li hi kienet tahdem ma' Citadel Insurance p.l.c liema kumpanija kienet wahda mill-kumpaniji li tefghat l-offerta. Ghaldaqstant hi harget mill-kamra ghall-habta tas-7.40pm

Numru totali ta' Offerti mitfugha kienu 3 (tlieta). Din kienet tappartjeni lil:-

1. Peak Insurance Brokers
2. Med. Insurance Brokers
3. Citadel Insurance p.l.c.

Saret diskussjoni qasira fejn is-Sur Ray Pellicano qal li dwar din l-offerta l-Kumitat tal-Finanzi jissuggerixxi li din l-offerta ghandha tinghata lil Citadel Insurance *p.l.c.* minhabba li din il-kumpanija kienet *p.l.c.* u mhux *broker.* Hawnhekk kompliet id-diskussjoni fejn is-Sur Anthony Buttigieg qal li bhala membru f'dan il-kumitat hu ma jiftakarx li kien gie rrakkomandat dak li semma' is-Sur Ray Pellicano. Hawnhekk il-membri l-ohra tal-kumitat ma qablux mad-dikjarazzjoni tas-Sur Buttigieg u qalu illi dak inhar li giet diskussa din l-offerta fil-kumitat tal-finanzi unanimamnet il-membri kollha kienu qablu li din l-offerta ghandha tinghata lic-Citadel Insurance p.l.c.

Hawnhekk il-Kunsilliera is-Sinjura Joanne Borg talbet lill-membri prezenti biex tigi sospiza ghal ftit tal-hin il-laqgha tal-Kunsill u dan biex hi tikkonsulta certu affarijiet mal-Kunsilliera Laburisti. Il-hin kien is-7.45pm.

Is-Sitt Kunsilliera Laburisti regghu dahlu fil-kamra ghal habta tas-7.47pm

Hawnhekk is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami b'mozzjoni verbali rrakkomanda lill-membri kollha prezenti illi l-offerta dwar Polza tas-Sigurta' tinghata lic-Citadel Insurance *p.l.c.* minhabba li din il-kumpanija kienet *p.l.c.* u mhux *broker.* Is-Sindku kien sekondat mill-Kunsillier is-Sur Mark G. Abdilla.

Il-mozzjoni tas-Sindku giet accettata unanimament bi hdax-il vot favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg u l-Kunsilliera s-Sinjuri: Emanuel Aquilina, Mark George Abdilla, Joanne Borg, Rita Borg, John Borg, Anthony Buttigieg, John Mary Calleja, Dr. Josianne Cardona Gatt, u Chirelle Sciberras.

BIRKIRKARA

Hawnhekk regghet dahlet fil-kamra l-Kunsilliera s-Sinjorina Rose Frendo. Il-hin kien is-7.55pm

**Dwar BLC 14/2009 – Servizzi ta' Accountant Kwalifikat**

Qabel bidet id-diskussjoni fuq din l-offerta il-Kunsilliera Dr. Josianne Cardona Gatt informat lill-membri prezenti biex hi tigi skuzata milli hi tiehu sehem fid-diskussjoni u fl-aggudikazzjoni ta' l-offerta msemmija. Dan minhabba li l-kumpanija li tahdem maghha hi, taghmel uzu mis-servizz tal-kumpanija 3a Accountants. Ghaldaqstant hi harget mill-kamra ghal-habta tas-7.57pm

Numru totali ta' Offerti mitfugha kienu 1 (wahda). Din kienet tappartjeni lil:-

1 3a Accountants

Saret diskussjoni qasira fejn iIs-Sur Ray Pellicano qal li dwar din l-offerta il-Kumitat tal-Finanzi kien qed jissuggerixxi li din l-offerta ghandha tinghata lil 3a Accountants minhabba li kienet l-uniku kumpanija li tefghet l-offerta, kif ukoll minhabba li l-prezz kwotat kien vantagjuz ghall-Kunsill.

Hawnhekk is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami b'mozzjoni verbali rrakkomanda lill-membri kollha prezenti illi l-offerta dwar Servizzi ta' Accountant Kwalifikat tinghata lit-3a Accountant minhabba li kienet l-uniku kumpanija li tefghet l-offerta, kif ukoll minhabba li l-prezz kwotat kien vantagjuz ghall-Kunsill. Is-Sindku kien sekondat mill-Kunsillier is-Sur Mark Abdilla.

Il-mozzjoni tas-Sindku giet accettata unanimament bi hdax-il vot favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dawk li ivvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg u l-Kunsilliera s-Sinjuri: Emanuel Aquilina, Mark George Abdilla, Joanne Borg, Rita Borg, John Borg, Anthony Buttigieg, John Mary Calleja, Rose Frendo, u Chirelle Sciberras.

Hawnhekk regghet dahlet fil-kamra l-Kunsilliera, Dr. Josianne Cardona Gatt. Il-hin kien it-8.05pm

**Dwar BLC 15/2009 – Servizzi ta' Avukat**

Numru totali ta' Offerti mitfugha kienu 1 (wahda). Din kienet tappartjeni lil:-

1 Dr Richard Sladden LL.D

Saret diskussjoni qasira fejn is-Sur Ray Pellicano qal li dwar din l-offerta l-Kumitat tal-Finanzi kien qed jissuggerixxi li din l-offerta ghandha tinghata lil Dr Richard Sladden minhabba li kienet l-uniku kumpanija li tefghet l-offerta, kif ukoll minhabba li l-prezz kwotat kien vantagjuz ghall-Kunsill.

Hawnhekk is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami b'mozzjoni verbali rrakkomanda lill-membri kollha prezenti illi l-offerta dwar Servizzi ta' Avukat tinghata lil Dr Richard Sladden LL.D minhabba li kienet l-uniku kumpanija li tefghet l-offerta, kif ukoll minhabba li l-prezz kwotat kien vantagjuz ghall-Kunsill. Is-Sindku kien sekondat mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg.

Il-mozzjoni tas-Sindku giet accettata unanimament bi tnax-il vot favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dawk li ivvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg u l-Kunsilliera s-Sinjuri: Emanuel Aquilina, Mark George Abdilla, Joanne Borg, Rita Borg, John Borg, Anthony Buttigieg, Dr Josianne Cardona Gatt, John Mary Calleja, Rose Frendo, u Chirelle Sciberras.

**Dwar BLC 16/2009 – Servizzi ta' Handyman**

Kien hemm qbil unanimu li diskussjoni fuq din l-offerta tithalla ghal darba ohra.

**Dwar BLC 17/2009 – Forniment u Trasport ta' Lamp posts**

Kien hemm qbil unanimu li diskussjoni fuq din l-offerta tithalla ghal darb'ohra.

**Aggornament**

Ghall-habta tat-8.24pm bil-permess tal-membri prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami aggorna l-laqgha ghan-nhar il-Hamis, 5 ta' Novembru, 2009 fis-6.00pm.

**It-Tlieta, 10 ta' Novembru 2009**

Tkomplija tas-Seba' laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Birkirkara li kellha titkompla nhar il-Hamis 5 ta' Novembru 2009 imma kienet giet posposta ghat-Tlieta, 10 ta' Novembru 2009 mis- 6.00pm sat-8.24pm., gewwa l-ufficcju tal-Kunsill Lokali. Dan minhabba li nhar il-Hamis 5 ta' Novembru 2009 is-Segretarju Ezekuttiv kiem ma jiflahx.

| | |
|---|---|
| **Prezenti:** | Il-Membri |
| **Is-Sindku** | Is-Sur Michael Fenech Adami |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sinjura Doris Borg (Vici-Sindku) |
| | Is-Sur Emanuel Aquilina |
| | Is-Sur Mark George Abdilla |
| | Dr. Josianne Cardona Gatt |
| | Is-Sinjura Joanne Borg |
| | Is-Sur John Borg |
| | Is-Sinjura Rita Borg |
| | Dr George Debattista |
| | Is-Sur John Mary Calleja |
| | Is-Sur Anthony Buttigieg |
| | Is-Sinjorina Rose Frendo |
| | Is-Sinjorina Chirelle Sciberras |
| **L-Ufficjal:** | |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Joseph Tabone |

Fit-tkomplija tal-laqgha numru 7, kienu prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Emanuel Aquilina, Mark George Abdilla, John Borg, Joanne Borg, Rita Borg, Dr. George Debattista, John Mary Calleja, Anthony Buttigieg, Dr Josianne Cardona Gatt u Chirelle Sciberras Il-Kunsilliera s-Sinjorina Rose Frendo dahlet ghal-habta tas-6.10pm Fit-tkomplija tal-

laqgha kien hemm il-prezenza tal-pubbliku. Il-laqgha tkompliet tigi preseduta mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami.

**5 Kuntratt mad-Dipartiment tas-Sahha**

Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghamel riferenza ghall-kuntratt inkonnessjoni ma' l-ispazju li qed juza' d-Dipartiment tas-Sahha gewwa c-Centru Civiku, liema kuntratt kien ircevieh ftit hin qabel il-laqgha. Is-Sindku qal illi l-kuntratt mistenni jigi ffirmat fil-gimghat li gejjin. Is-Sindku nforma lill-membri prezenti illi f'dan il-kuntratt hemm imnizzel illi l-A/C ser jaqa' taht ir-responsabilta' tad-Dipartiment tas-Sahha. Illi kull dipartiment ser ikollu *sub-meter* tad-dawl u ta' l-ilma separat. Illi l-*goods lift* ser jigi rrangat mid-Dipartiment tas-Sahha, filwaqt li l-kera tal-post, li d-Dipartiment ser jibda jhallas lill-Kunsill, ser toghla ghal 90,000 ewro fis-sena. Is-Sindku qal li s-sigurta' tal-post issa kienet ser taqa' taht ir-responsabilta tal-Kunsill. Dr. George Debattista sostna li l-Kunsill ghandu jevalwa sew kemm konna ser nohorgu flus ghal manutenzjoni tal-komun, ghad-diversi sistemi ta' apparat u l-ispiza konnessa ma' l-ufficjal tas-sigurta'. Wara li spiccat id-diskussjoni unanimament il-membri prezenti awtorizzaw lis-Sindku u lis-Segretarju Ezekuttiv biex jiffirmaw dan il-kuntratt.

Hawnhekk dahlet fil-kamra is-Sinjorina Rose Frendo. Il-hin kien is-6.10pm.

**7 Diskussjoni u Aggudikazzjoni ta l-Offerti:-**

| | |
|---|---|
| Offerta nru. BLC 08/2009: | Servizzi ta' *Project/Contract Manager* |
| Offerta nru. BLC 12/2009: | Forniment u Installazzjoni ta' apparat ta' *playground* u wicc protettiv |
| Offerta nru. BLC 16 /2009: | Servizzi ta' *Handyman* |
| Offerta nru. BLC 17 /2009: | Forniment u Trasport ta' *lamp posts* |

**Qabel bdiet id-diskussjoni il-kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg qal li fil-Kumitat tal-Finanzi, dwar it-tender ta' l-Insurance, hu kien staqsa lis-Sur Pellicano biex jaghtih spjegazzjoni ta' x'inhi l-funzjoni ta' *broker* u ta' agenzija. Hu qal ukoll li hu kien talab kjarifika minghand is-Sur Pellicano biex jara ghalxiex wiehed kien irhas mill-iehor. Is-Sur Buttigieg qal li is-sur Pellicano kien baqa' ma tahx twegiba.**

**<u>Dwar BLC 8/2009 – Servizzi ta' Project/Contract Manager</u>**

Numru totali ta' Offerti mitfugha kienu 2 (tnejn). Dawn kienu jappartjenu lil:-

1 Joe Bugeja
2 Urban Homes Real Estate Limited

Saret diskussjoni fejn is-Sur Ray Pellicano ghamel riferenza ghac-CV u nformazzjoni ohra li l-Kunsill kien ircieva minghand l- *Urban Homes Real Estate Limited.* Waqt id-diskussjoni qam il-punt jekk il-Kunsill jistax jaqsam dan il-kuntratt kif ukoll dwar il-legalita' dwar din il-haga. Qam ukoll il-punt ta' kif u min ghandu jiccertifika l-*invoices* tad-diversi tipi ta' kuntratti li ghandu u li ser ikollu l-kunsill. Kien hemm ukoll min issuggerixxa li dan il-kuntratt m'ghandux jinghata lill-istess persuna li hadet il-kuntratt l-iehor dwar is-servizzi ta' Perit u dan sabiex ikun hemm iccekkjar dobju minn persuni differenti.

Wara li spiccat id-diskussjoni, is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami b'mozzjoni verbali rrakkomanda lill-membri kollha prezenti illi l-offerta dwar Servizzi ta' *Project/Contract Manager* tinghata lill- *Urban Homes Real Estate Limited* kif inhi kollha imma jintuza parti minnha skond kif jaqbel lill-Kunsill u dan minhabba li prezz kwotat kien l-aktar wiehed vantagjuz ghall-Kunsill. Is-Sindku kien sekondat mill-Kunsillier is-Sur Mark Abdilla.

Il-mozzjoni tas-Sindku ghaddiet b'seba' voti favur, sitt voti kontra xejn astenzjonijiet. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg u l-Kunsilliera s-Sinjuri:, Dr. George Debattista, Mark George Abdilla, John Borg, Rose Frendo, Dr Josianne Cardona Gatt, Dawk li vvutaw kontra kienu is-Sinjuri :-Joanne Borg, Anthony Buttigieg, Rita Borg, Emanuel Aquilina, John Mary Calleja, u Chirelle Sciberras.

Il-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg qalet li l-Kunsilliera Laburisti kienu ivvutaw kontra minhabba li sostnew li dwar dan is-servizz ghandha terga' tohrog sejha ghall-offerti kif suppost ser tintuza.

**<u>Dwar BLC 12/2009 – Forniment u Installazzjoni ta' Apparat ta' Playground u Wicc Protettiv</u>**

Numru totali ta' Offerti mitfugha kienu 5 (hamsa). Dawn kienu jappartjenu lil:-

1 B. Grima & Sons
2 OPAL
3 ACS & S Ltd
4 Mario Mallia
5 JGC Ltd

Saret diskussjoni qasira fejn is-Sur Ray Pellicano qal li dwar din l-offerta l-Kumitat tal-Finanzi kien qed jissuggerixxi li din l-offerta ghandha tinghata lil JGC Ltd. minhabba li l-prezz kwotat kien l-aktar wiehed vantagjuz ghall-Kunsill.

Hawnhekk is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami b'mozzjoni verbali rrakkomanda lill-membri kollha prezenti illi l-offerta dwar Forniment u Installazzjoni ta' Apparat ta' *Playground* u Wicc Protettiv tinghata lil JGC Ltd minhabba minhabba li l-prezz kwotat kien l-aktar wiehed vantagjuz ghall-Kunsill. Is-Sindku kien sekondat mill-

Il-mozzjoni tas-Sindku giet accettata unanimament bi tlettax-il vot favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg u l-Kunsilliera s-Sinjuri: Emanuel Aquilina, Mark George Abdilla, Joanne Borg, Rita Borg, John Borg, Anthony Buttigieg, Dr Jossianne Cardona Gatt, John Mary Calleja, Dr.George Debattista, Rose Frendo, u Chirelle Sciberras.

**<u>Dwar BLC 16/2009 – Servizzi ta' *Handyman*</u>**

Numru totali ta' Offerti mitfugha kienu 1 (wahda). Din kienet tappartjeni lil:-

1 J.F. Mallia Ltd

Saret diskussjoni qasira fejn is-Sur Ray Pellicano qal li dwar din l-offerta l-Kumitat tal-Finanzi kien qed jissuggerixxi li din l-offerta ghandha tinghata lil J.F. Mallia Ltd. minhabba li kienet l-uniku offerta li ntefghet, kif ukoll minhabba li l-prezz kwotat kien vantagjuz ghall-Kunsill.

Hawnhekk is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami b'mozzjoni verbali rrakkomanda lill-membri kollha prezenti illi l-offerta dwar Servizzi ta' *Handyman* tinghata lil J.F. Mallia Ltd minhabba li kienet l-uniku kumpanija li tefghet l-offerta, kif ukoll minhabba li l-prezz kwotat kien vantagjuz ghall-Kunsill. Is-Sindku kien sekondat mill-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg.

Il-mozzjoni tas-Sindku giet accettata unanimament bi tlettax-il vot favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dawk li ivvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg u l-Kunsilliera s-Sinjuri: Emanuel Aquilina, Mark George Abdilla, Joanne Borg, Rita Borg, John Borg, Anthony Buttigieg, Dr Jossianne Cardona Gatt, John Mary Calleja, Dr.George Debattista, Rose Frendo, u Chirelle Sciberras.

**Dwar BLC 17/2009 – Forniment u Trasport ta' *Lamp posts***

Numru totali ta' Offerti mitfugha kienu 1 (wahda). Din kienet tappartjeni lil:-

1 Apex Interiors
2 E. Calleja & Sons Ltd

Saret diskussjoni qasira fejn is-Sur Ray Pellicano qal li dwar din l-offerta l-Kumitat tal-Finanzi kien qed jissuggerixxi li din l-offerta ghandha tinghata lil E. Calleja & Sons Ltd minhabba li l-prezz kwotat kien l-aktar wiehed vantagjuz ghall-Kunsill.

Hawnhekk is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami b'mozzjoni verbali rrakkomanda lill-membri kollha prezenti illi l-offerta dwar Forniment u Trasport ta' *Lamp posts* tinghata lil **E. Calleja & Sons Ltd** minhabba li l-prezz kwotat kien l-aktar wiehed vantagjuz ghall-Kunsill. Is-Sindku kien sekondat mill- mill-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg.

Il-mozzjoni tas-Sindku giet accettata unanimament bi tlettax-il vot favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dawk li ivvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg u l-Kunsilliera s-Sinjuri: Emanuel Aquilina, Mark George Abdilla, Joanne Borg, Rita Borg, John Borg, Anthony Buttigieg, Dr Josianne Cardona Gatt, John Mary Calleja, Dr.George Debattista, Rose Frendo, u Chirelle Sciberras.

Hawnhekk il-Kunsillier is-Sur John Borg talab li jigi skuzat. Hu qal li qabel ihalli l-kamra xtaq jinforma lill-Kunsilliera prezenti illi nhar l-10 ta' Dicembru 2009 hu gie mistieden mill-Kunsill ta' Berato – Regjun ta' Parma. Hu qal li ghal din iz-zjara kienu **ser jattendi wkoll is-Sindku**. Is-Sur Borg qal li l-ispejjez konnessi mal-biljett ta' l-arju kienu thallsu personalment minnhom (**mis-Sur John Borg u mis-Sindku**). Hu hareg mill-kamra ghall- habta tas-7.34pm

Qabel il-Kunsill ghadda biex jiddiskuti l-*item* l-ohra fuq l-agenda il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg qalet li hi kienet ivvutat favur l-offerti li gew diskussi minhabba li tassumi li kien hemm finanzi ghalihom. Hi referit b'mod partikolari ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' servizzi professjonali bhal dak ta' Avukat, *Project/Contarcts Manager*, Perit, *Accountant u Quantity Surveyor*. Hawnhekk is-Sindku qal li s-servizzi li semmiet il-Vici Sindku kienu servizzi vitali ghall-Kunsill taghna minhabba diversi ragunijiet u dan bhalma kienu fl-imghoddi.

**8 Korrispondenza**

8.1 Ittra bid-data tal-25 ta' Settembru 2009 minghand is-Segretarju tal-Kazin Santa Liena Banda Duke of Connaught's Own tal-Banda, is-Sur Omar Coleiro, dwar il-Programm Annwali 2009 li jsir inkollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali. Unanimament il-membri kollha prezenti qablu illi it-talba li kien qed jaghmel is-Segretarju tal-Kazin ma tistax tigi milqugha ghalissa. Dan minhabba li l-Kunsill ghadu qed jistenna linja ta' direzzjoni min-naha tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

8.2 Ittra bid-data tat-28 ta' Settembru 2009 minghand is-Segretarju tal-Ven. Socjeta Dun Filippu Borgia, is-Sur Silvio Azzopardi, dwar Jum il-Kolleggjata Jum Birkirkara li jsir inkollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali. Unanimament il-membri kollha prezenti qablu illi it-talba li kien qed jaghmel is-Segretarju tal-Kazin ma tistax tigi milqugha ghalissa. Dan minhabba li l-Kunsill ghadu qed jistenna linja ta' direzzjoni min-naha tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

8.3 Ittra bid-data ta' l-20 ta' Ottubru 2009 minghand is-Segretarju ta' Birkirkara FC - *Youth Nursery*, is-Sur Raymond Grech, dwar il-*Christmas Tournament* li jsir kull sena nkollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali. Unanimament il-

BIRKIRKARA

membri kollha prezenti qablu illi t-talba li kien qed jaghmel is-Segretarju tal-Kazin ma tistax tigi milqugha ghalissa. Dan minhabba li l-Kunsill ghadu qed jistenna linja ta' direzzjoni min-naha tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

8.4 Kopja ta' Memo 68/2009 dwar il-Hinijiet tal-Laqghat

8.5 Kopja ta' l-Att Nru XVI ta' l-2009

8.6 Kopja ta' Memo 65/2009 bit-titlu :-Att Nru XVI tal-2009 Avviz ta' Bidu Fis-Sehh

8.7 Ittra bid-data tat-22 ta' Ottubru 2009 minghand is-Sur Galea President tal-Klabb tal-Futbol ta' Birkirkara. Dwar il-kontenut ta' l-ittra saret diskussjoni qasira fejn il-membri presenti qablu li l-BKR Radio juzaw il-kamra fejn illum qeghda tintuza' mit-tribunal biex jaghmlu trasmissjonijiet bir-radju. Dan ikun possibbli wara li jispicca Tribunal mic-Centru Civiku.

8.8 Lista li kienet turi l-korrispondenza kollha li kien ircieva l-Kunsill bejn l-1 ta' Lulju 2009 sas-26 ta' Ottubru 2009. Il-Korrispondenza ghandha riferenza mill-12515 sal-13800. Is-Sindku fakkar illi l-Kunsilliera li jriedu jaraw il-korrispondenza kollha ndikata jew dokumenti ohra jistghu jaghmlu dan billi jikkomunikaw mas-Segretarju Ezekuttiv. Is-Sindku qal ukoll illi b'sehh immedjat kull korrispondenza li jircievi l-Kunsill permezz ta' l-email ser tibda tigi awtomatikament ikkupjata lill-Kunsilliera kollha fuq l-email tal-Gvern li kienet inghatat lilhom..

## 9 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

9.1 Is-Sindku s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghamel riferenza ghad-dokument li kien tqassm lill-membri kollha ma' l-agenda bhala risposta ghall-mistoqsijiet li kien ipprezenta l-Kunsillier Dr. Geoerge Debattista waqt il-laqgha numru 4 tal-Kunsill liema dokument kien jikkonsisti b'sett ta' tlettax il-mistoqsija.

9.2 Il-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg staqsiet x'kienet ir-raguni ghaliex l-iskip ta' Triq il-Qattus ma kinitx tpoggiet fejn rieduha ir-residenti ?. Is-Sindku qal li meta din tpoggiet quddiem min riedha r-residenti kienu qalulu li din ma jriduhiex. Hawnhekk saret diskussjoni qasira fejn f'xi hinijiet qam argument bejn is-Sindku u l-Kunsilliera Joanne Borg. Wara diskussjoni unanimament il-membri kollha prezenti qablu illi l-iskip ghandha titpogga faccata ta' dawk ir-residenti li riduha u jekk 'il quddiem jerga' jinqalghu xi problemi, inkluz dak ta' hmieg madwar l-iskip, din terga' tittella hdejn il-*bring-in sites* li hemm fl-istess triq.

9.3 Il-Kunsilliera is-Sinjura Joanne Borg staqsiet jekk kinitx ser titwahhal il-*bollard* fi Triq Has-Sajjied ? Is-Sindku wiegeb fin-negattiv biss hu informa lill-membri prezenti illi jekk 'il quddiem il-Kunsill jiddeciedi li din ghandha titwahhal, hemm kollox bil-lest biex dan isir.

9.4 Il-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg staqsiet jekk kienx possibli li tinghalaq Triq Bwieraq il-parti id-dejqa ? Hi ghamlet riferenza ghall-petitizjoni li kienet ingabret mir-residenti. Hawnhekk is-Sindku qal illi kienu avvicinawh xi residenti li joqghodu f'dik il-parti tat-triq u li kienu wkoll iffirmaw il-petizzjoni u qaluli li huma ma kienux jaqblu li din tinghalaq.

9.5 Il-Kunsillier is-Sur Jimmy Calleja staqsa x'kienet ir-raguni li meta kien ma jiflahx is-Segretarju Ezekuttiv ma gietx mghajjta wahda mill-iskrivani li qeghda fuq skala 11 biex tiehu l-minuti ?. Is-Sindku qal li fuq direzzjoni li nghata l-Kunsill il-minuti tal-laqghat tal-Kunsill iridu jittiehdu mis-Segretarju Ezekuttiv jew minn Deputat Segretarju li jkun approvat mid-Dipartiment.

**9.6 Il-Kunsillier is-Sur Jimmy Calleja irringrazzja lill-Kunsilliera kollha li marru jivvutaw fl-elezzjoni ghall-**

BIRKIRKARA

**membri fl- AKL. Hu rringrazzja wkoll b'mod specjali lil dawk il-Kunsilliera li vvutawlu u wrew fiducja fih.**

## 10 Komunikazzjoni mis-Sindku

10.1 Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami nforma lill-membri prezenti illi hu kien qed jipproponi biex Torri Wejter li jinsab fi Triq Dun Filippu Borg jghaddi f'idejn il-Kunsill biex jamministrah u juzah bl-ahjar mod ghall-beneficcju tar-residenti Karkarizi. Ghal dan il-ghan s-Sindku qal li biex dan it-Torri jigi restawrat u jinghata id-dehra jixraq il-Kunsill ikun irid jalloka u japplika ghal fondi. Is-Sindku kompla jghid fuq din il-haga hu kien tiga kiteb lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali. Hawnhekk saret diskussjoni qasira fejn il-membri kollha prezenti qablu unanimament ma' dak li kien qed jipproponi s-Sindku, s-Sur Michael Fenech Adami. Il-proposta tas-Sindku kienet sekondata mill-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg.

10.2 Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami nforma lill-membri prezenti illi l-Awditur tal-Gvern, is-Sur John Zammit kien infurmah permezz ta' email illi hu (l-awditur) kien lest li jiltaqa' mal-Kunsilliera. Nhar it-Tlieta 17 ta' Novembru 2009 fil-5.00pm jew 5.30pm. Is-Sindku qal li din il-laqgha ser tkun wahda interna miftuha ghall-Kunsilliera biss u mhux ghall-pubbliku u dan minhabba li din ma kinitx laqgha tal-Kunsill. Is-Sindku qal li d-data u hin ezatta kienu ser jigu kkommunikati lill-Kunsilliera aktar 'il quddiem.

## 11 Mozzjonijiet bin-numru 34, 35, u 36

Is-Sindku is-Sur Micahel Fenech Adami ghamel riferenza ghat-tlett mozzjonijiet li kien ircieva Segretarju Ezekuttiv nhar il-Erbgha, 21 ta' Ottubru 2009 minghand l-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg u Anthony Buttigieg f'isem il-Kunsilliera tal-Partit Laburista liema kopja tal-mozzjonijiet kienu tqassmu lill-membri prezenti nhar il- Hamis 22 ta' Ottubru 2009 u dan biex jigi nkluzi fl-agenda ghal din il-laqgha

Wara li s-Sindku talab lill-Kunsilliera Joanne Borg biex taqra u tispjega l-mozzjonijiet, is-Sindku ta r-risposti mehtiega :-

Dwar mozzjoni bin-numru 34 : It-Risposta nghatat waqt li kienet diskussa il-*management letter*

Dwar mozzjoni bin-numru 35 : Is-Sindku wiegeb illi l-kuntrattur kien weghdna li ser jitkompla x-xoghol fi zmien qasir.

Dwar mozzjoni bin-numru 36 : Is-Sindku wiegeb illi ix-xogholijiet fi Triq it-Tahhan (il-parti li taqa' taht ir-responsabilta' tal-Kunsill) hu ppjanat li jibda wara li jitlesta x-xoghol fi Sqaq/Triq Has-Sajjied u dan kif gie miftiehem f'wahda mil-laqghat tal-Kunsill.

## 12 Eghluq

Ghall-habta tas-8.24pm bil-permess tal-membri prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghalaq il-laqgha. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgha li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 24 ta' Novembru 2009.

Joseph Tabone
Segretarju Ezekuttiv

Michael Fenech Adami
Sindku